

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

## Sejħa għall-Proposti

## L-Istitut tal-Bank Ewropew tal-Investment jipproponi sponsorship ġdid ta' EIBURS taħt il-Programm ta' Tagħrif tiegħu

(2018/C 60/14)

Il-Programm ta' Tagħrif tal-Istitut tal-Bank tal-Investment Ewropew jiffinanzja l-għotjiet għar-riċerka tiegħu permezz ta' skemi differenti. Waħda minnhom hija:

- **EIBURS**, il-Programm ta' Sponsorship għar-Riċerka Universitarja tal-BEI (**EIB University Research Sponsorship Programme**)

**EIBURS** jipprovdi għotjiet lil dipartimenti universitarji jew ċentri ta' riċerka assoċjati ma' universitajiet fl-UE, f'pajjiżi kandidati jew f'pajjiżi kandidati potenzjali li jkunu qegħdin jaħdmu fuq suġġetti ta' riċerka li huma ta' interess kbir għall-Bank. L-isponsorships tal-**EIBURS**, li jilhqqu mal-EUR 100 000 fis-sena għal perjodu ta' tliet snin, jingħataw permezz ta' proċess kompetittiv lil dipartimenti universitarji interessati jew ċentri ta' riċerka b'ħila esperta rikonoxxuta fil-qasam magħżul. Proposti li jirnexxu jinvolvu t-tweqqif ta' diversi riżultati li jkunu soġġetti għal ftehim kuntrattwali mal-Bank Ewropew tal-Investment.

Għas-sena akkademika 2018/2019, il-programm **EIBURS** qiegħed ifittex proposti fuq tema ta' riċerka ġdida:

**“L-effetti ekonomiċi ta' politika konġunta Ewropea dwar is-sigurtà u d-difiża”**

Dawk li jfasslu l-politika fl-Ewropa qegħdin jaħdmu b'mod intensiv biex jifformulaw politika komuni Ewropea dwar is-sigurtà u d-difiża, li tgħaqqad is-sigurtà domestika ma' relazzjonijiet ma' reġjuni ġirien taħt l-Azzjoni Esterna tal-UE bil-għan li l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) issir aktar effettiva. Li jintlaħaq kunsens dwar oqsma ġodda tal-politika komuni f'dan il-qasam sar saħansitra aktar rilevanti fid-dawl tat-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. L-indirizzar ta' dan il-qasam ta' politika ġdid jista' jkollu implikazzjonijiet baġitarji u ta' finanzjament sinifikanti għall-Istati Membri, inkluż l-għan li jinkisbu gwadanji ta' effiċjenza billi jinġabru flimkien ir-riżorsi. Eżempju ta' dan jistgħu jkunu sejħiet għall-offerti fuq medda Ewropea, minflok sejħiet għall-offerti li huma b'mod predominanti fuq bażi nazzjonali. L-għan ta' din ir-riċerka huwa li ssir valutazzjoni tal-effetti ekonomiċi tal-koordinazzjoni tal-infiq konġunt Ewropew fuq is-sigurtà u d-difiża u l-impatt fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kapaċità ta' innovazzjoni. Il-gwadanji fl-effiċjenza ekonomika u operazzjonali jidhru li huma motiv primarju għal din l-evoluzzjoni lejn integrazzjoni. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa li wieħed ikun jaf aktar dwar id-daqs attwali tal-effetti ekonomiċi ta' dawk il-miżuri.

Il-programm ta' riċerka propost ser jixħet aktar dawl fuq id-daqs tar-riżorsi ekonomiċi (infiq, persunal, eċċ) li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jiddedikaw għad-difiża u s-sigurtà u jipprova jidentifika l-oqsma bl-akbar skop għal gwadannji fl-effiċjenza, b'mod partikolari billi tiġi evitata duplikazzjoni ineffiċjenti tal-infiq. B'hekk ser iħares ukoll lejn is-sottosetturi ta' attivitajiet ekonomiċi u reġjuni li huma affettwati l-aktar mill-infiq militari. L-irwol u d-daqs tal-baġit tad-difiża fil-baġit totali ta' infiq pubbliku għandu jiġi eżaminat fid-dettall, flimkien mas-sorsi attwali ta' finanzjament. Aspett importanti huwa wkoll il-kontribut tal-infiq fuq id-difiża biex jagħti spinta lill-attività tax-xjenza kif ukoll tal-innovazzjoni. Ir-riċerka għandha tkun kapaċi tevalwa l-implikazzjoni ta' żieda prevista fil-baġits tad-difiża, b'mod partikolari għall-mira ta' NATO ta' 2 % tal-PDG.

Il-BEI jistieden proposti ta' riċerka li jkopru l-punti li ġejjin:

- għalkemm tikkunsidra l-UE b'ħala ħaġa sħiħa għat-temi deskritti hawn fuq, ir-riċerka għandha tinvolvi wkoll studji profondi għal xi ħames pajjiżi rappreżentanti;
- telabora fuq opzjonijiet ta' politika għall-integrazzjoni u l-implikazzjonijiet ekonomiċi tagħhom;
- tinvestiga strumenti finanzjarji xierqa, inklużi dawk bil-potenzjal li jingranaw fondi pubbliċi (kemm fondi tal-UE kif ukoll nazzjonali).

Il-proġett jista' jinvolvi kwalunkwe attività ta' riċerka addizzjonali li ċ-ċentru tal-università jixtieq iwettaq bl-isponsors-hip, bħal (i) l-organizzazzjoni ta' seminars jew konferenzi; (ii) il-ħolqien ta' databases; u (iii) studji tal-każ fil-fond.

Il-proposti għandhom jintbagħtu bl-Ingliż sal-15 ta' April 2018 24:00 (CET). Proposti mibgħuta wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati. Il-proposti għandhom jintbagħtu bl-email lil:

Events.EIBInstitute@eib.org

Għal informazzjoni aktar kompluta dwar il-proċess ta' għażla tal-**EIBURS** u dwar l-Istitut tal-BEI, jekk jogħġbok żur: <http://institute.eib.org/>.

---